Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Numru 164/2003

**App. Nru 164/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Sultana**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Sultana talli nhar il-Erbgha, 9 ta’ Lulju, 2003 ghall-habta tas-7.20 am f’passagg pubbliku li jinsab f’Wied il-Ghejun, limiti tax-Xaghra offenda il-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku ai termini tal-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-18 ta’ Awissu, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-

imsemmi Joseph Sultana hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija sospiza ghal sena kif ukoll multa ta’ mitt lira (Lm100);

Rat ir-rikors ta’ appell tal-imsemmi Joseph Sultana, minnu ppresentat fit-2 ta’ Settembru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant Sultana jikkontendi bazikament li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Din il-Qorti, wara li semghet lil Josephine Azzopardi tixhed, hi sodisfatta, bhalma neccessarjament kienet l-ewwel qorti, li l-versjoni korretta tal-fatti hi dik moghtija minnha, u mhux il-versjoni moghtija mill-appellant. L-appellant ma gab ebda raguni kredibbli ghala huwa kellu ghalfejn jinza’ gharwien – u l-fatt li neza’ gharwien huta f’post pubbliku huwa ammess minnu – u fic-cirkostanzi din il-qorti ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti (din il-Qorti diga qalet li addirittura taqbel perfettament ma’ l-ewwel qorti). L-appell, kif tajjeb osserva l-abbili prosekutur l-Avukat Dott. Stephen Tonna Lowell, jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft.) V. DeGaetano
P’Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------